Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,051, 23 ta' Diċembru, 1994
Taqsima B

A.L. 187 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Drittijiet għal Servizzi ta' *Handyman*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Drittijiet għal Servizzi ta' *Handyman*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Diċembru, 1994.

Drittijiet.

Kap. 318.

2. (1) Id-drittijiet speċifikati fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja) minn persuni anzjani li ma jkunux għaddew mit-test tal-mezzi kif provdut fit-Taqsima III tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "it-test tal-mezzi", u minn persuni b'diżabilità li ma jkunux hekk reġistrati u li ma jkollhomx il-Karta ta' Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità, dwar is-servizzi ta' *handyman* imsemmija fl-ewwel kolonna ta' l-istess Skeda.

(2) Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja) għandu jgħaddi l-fondi miġbura mid-drittijiet imħallsa dwar servizzi kif speċifikati fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lill-Kumitat dwar Għajnuna Soċjali mwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 130 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Il-persuni msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament li jissodisfaw it-test tal-mezzi huma eżenti mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi paragrafu.

Eżenzjonijiet ġeperali.

3. Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja) għandu jipprovdi s-servizzi ta' *handyman* mingħajr ħlas lil dawn il-persuni li ġejjin:—

(a) persuni li jkunu għaddew mit-test tal-mezzi u li fl-istess ħin ikunu pensjonanti billi jkunu laħqu l-età ta' sittin sena, u tingħata preferenza lil dawk li jkunu l-iżjed anzjani u li jkunu jgħixu waħedhom; u

(b) persuni li jkunu reġistrati bħala persuni b'diżabilità u li jkollhom fil-pusses tagħhom il-Karta ta' Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità, u li jkunu qegħdin jgħixu waħedhom:

Iżda l-imsemmi Direttur Ġenerali jista', jekk ikun sodisfatt miċ-ċirkostanzi tal-każ, jipprovdi l-istess servizzi mingħajr ħlas lill-persuni msemmija f'dan il-paragrafu li, għalkemm ma jkunux jgħixu waħedhom, ma jkollhomx jgħixu magħhom fl-istess dar persuni li jkunu kapaċi jagħmlu dak ix-xogħol.

SKEDA

(Regolament 2)

Servizzi ta' *Handyman*

	L-Ewwel Kolonna	it-Tieni Kolonna
	Partita u Deskrizzjoni tax-Xogħol	*Dritt Lm*
A	XOGĦOL TA' MASTRUDAXXA	
A/1	Bdil ta' serratura	1
A/2	Serratura ġdida	2
A/3	Tiswija sempliċi fuq tieqa	2
A/4	Bdil ta' ħġieġ fuq l-injam	1
A/5	Bdil ta' ħġieġ fuq il-ħadid	1
B	KISI U TIBJID	
B/1	Tikħil ta' ċaċċis (bieb)	2
B/2	Tikħil ta' ċaċċis (tieqa)	1
B/3	Tħallib ta' bejt ta' kamra waħda	3
C	XOGĦOL TA' *PLUMBER*	
C/1	Bdil ta' W.C. (*toilet*)	3
C/2	Bdil ta' W.C. *Combined & Flushing*	5
C/3	Bdil ta' Serpentina u *waste pipe* (tas-sink)	3
C/4	Bdil ta' *washer* fuq il-vit tal-ilma	1
C/5	Bdil ta' vit fuq is-sink	1
C/6	Bdil ta' *Water Heater (Geyser)*	5
C/7	Bdil ta' *Angle Valve*	1
C/8	Bdil ta' *Flushing*	3
C/9	bdil ta' *Flexible Pipe*	1
C/10	*Setting* ta' *Flushing*	1
C/11	Ftuħ ta' *Waste Pipe* ta' mejjilla/friskatur *(drain)*	1
C/12	Bdil ta' *valve* ta' tank tal-bejt	2
C/13	Bdil ta' pajp tal-ilma (mill-bieb 'l ġewwa — mhux mirdum)	4
C/14	Bdil ta' friskatur *(wash hand basin)*	3

	L-Ewwel Kolonna *Partita u Deskrizzjoni tax-Xogħol*	it-Tieni Kolonna *Dritt* *Lm*
D	ELETTRIĊISTA	
D/1	Bdil ta' *switch*	1
D/2	Bdil ta' *socket outlet*	1
D/3	Bdil ta' *neon tube* bil-ħsara	0.50c
D/4	Twaħħil ta' *neon tube* flok bozza	2.50c
D/5	Twaħħil ta' *socket* ġdid	3
D/6	Tiswija ta' qampiena tal-bieb bil-ħsara	1
D/7	Twaħħil ta' qampiena tal-bieb ġdida	3
D/8	Bdil ta' *three-pin plug*	0.50c
D/9	Twaħħil ta' Salva Vita *(surface mounted)*	4.